MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 482/2013

**MEDTRAVEL COMPANY LIMITED (C-32165)**

vs

**SULLIVAN PREMIER TRAVEL LIMITED** (C-38806)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-23 ta' Mejju, 2013, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra,

talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' għoxrin elf mija u erbgħa u tmenin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€20,184.53) li tirrapreżenta l-prezz ta' servizzi konsistenti f'bejgħ ta' biljetti tal-ajru u servizzi marbuta magħhom, mogħtijin lil u għall-benefiċċju tal-kumpannija mħarrka mill-2010 'l quddiem;

Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali b'seħħ minn meta ngħataw is-servizzi u wkoll l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata, bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta attriċi;

Rat in-Nota mressqa waqt is-smiegħ tal-lum minn rappreżentant tal-kumpannija mħarrka li biha ammetta t-talbiet attriċi;

Billi mill-ammissjoni tal-kumpannija mħarrka it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka, biex tħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' għoxrin elf mija u erbgħa u tmenin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€20,184.53) mogħtija

kif fuq inghad, rappreżentanti prezz ta’ biljetti tal-ajru mibjugħa u servizzi oħrajn flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mid-data ta’ meta ngħataw ir-rispettivi servizzi sal-jum tal-ħlas effettiv; u

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta imħarrka tħallas l-ispejjez tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------